MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2012

Citazzjoni Numru. 215/2012

**Erica Hili**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fit-28 ta' Frar 2012 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 334 tas-snea 1958 (Dok A) taħt il-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" hemm imniżżel erronjament l-isem "ERICA";

Illi fuq iċ-ċertifikat taż-żwieġ tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru 550 tas-sena 1982

(Dok B), taħt il-kolonna "Isem u Kunjom" hemm imniżżel erronjament l-isem "ERICA";

Illi isem ir-rikorrenti kien dejjem riferut bħala "ERIKA" u dana kif jirriżulta mill-Karta tal-Identita' u Passaport maħruġa mill-awtorita' kompetenti f'Malta (DOk C u D);

Illi fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta' wliedha Edward Hili u Michela Hili, isem l-omm huwa miktub "ERIKA" u dana kif jirriżulta miċ-ċertifikat ta' twelid bin-numru ta' reġistrazzjoni 1494/86 u 3017/84 rispettivament, liema dokumenti huma annessi u mmarkati bħala Dokumenti E u F;

Illi r-rikorrenti saret taf illi fl-Att ta' twelid isimha huwa indikat bħala "Erica" meta riċentament marret tapplika għal Passaport ġdid;

Illi l-iżball kien sar fid-dokument uffiċjali ta' twelid tal-attriċi, dan l-iżball baqa' jiġi ripetut kif jirriżulta mill-Att dwar iż-Żwieġ tar-rikorrenti liema dokument huwa anness;

Illi dan l-iżball ma jidhirx fid-dokumenti uffiċjali kollha u għaldaqstant qed tinħoloq anomalija minħabba li hemm differenza bejn l-isem tar-rikorrenti fuq il-Karta tal-Identita', il-Passaport, iċ-ċertifikati ta' twelid ta' wliedha kif ukoll fuq diversi kuntratti li hija dehret fuqhom.

Jgħid għalhekk l-istess konvenut għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara li jeżisti żball fuq l-att ta' twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 334 tas-sena 1958 (Dok A) billi taħt il-kolonni "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier" u "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" l-kelma u l-isem "ERICA" kellu jiġi jaqra "ERIKA";

2. Tiddikjara li jeżisti żball fuq l-att ta' żwieġ tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 550 tas-sena 1982 (Dok B) billi taħt il-kolonna "Isem u Kunjom" il-kelma u l-isem "ERICA" kellu jiġi jaqra "ERIKA";

3. Tawtorizza li ssir il-korrezzjoni fuq l-att ta' twelid tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 334 tas-sena 1958 (Dok A) billi taħt il-kolonni "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija għandha tiġi msejħa" il-kelma u l-isem "Erica" jiġi mneħħi u sostitwit bil-kelma u l-isem "ERIKA";

4. Tawtorizza li ssir il-korrezzjoni fuq l-att ta' żwieġ tar-rikorrenti maħruġ mir-Reġistru Pubbliku ta' Malta bin-numru ta' iskrizzjoni 550 tas-sena 1982 (Dok B) billi taħt il-kolonna "Isem u Kunjom" il-kema u l-isem "Erica" jiġi mneħħi u sostitwit bil-kelma u l-isem "ERIKA";

Bl-ispejjeż.

Il-konvenut nġunt minn issa għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku ppreżentata fit-3 ta' April 2012, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi *in linea preliminari* jingħad illi huwa meħtieġ li tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi bla ħsara għal premess, l-esponent umilment jirrileva li ma jirriżultax mid-dikjarazzjoni maħlufa tar-rikorrenti u mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' reġistrazzjoni tal-att ta' twelid u taż-żwieġ tar-rikorrenti li jġibu n-numru ta' reġistrazzjoni 334/1958 u 550/1982 rispettivament kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni;

3. Illi għaldaqstant id-dikjarazzjoni mil-Qorti msemmija fl-ewwel żewġ talbiet fir-rikors ġuramentat għandha, diversament min dak indikat mir-rikorrenti, tkun fis-sens li r-rikorrenti kienet konsistentement imsejħa u magħrufa bl-isem 'Erika' u mhux 'Erica' kif hekk jidher fl-atti tal-istat

ċivili rispettivi tagħha u dan abbażi ta' l-artikolu 253(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

4. Illi *di piu'*, f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti nomine flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala Erika kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tressaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tagħha *ossia* li tul ħajjitha hija kienet konsistentement msejħa bħala Erika u mhux Erica;

5. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

6. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti ma hijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, James Gustaf Gollcher li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid tar-rikorrenti Erica li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 334 tas-sena 1958 u kien anke ffirma li l-informazzjoni li hemm kontenuta kienet waħda korretta;

7. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi nġunta in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Direttur tar-Reġistru Pubbliku u l-lista tax-xhieda.

Rat illi fil-verbal tas-seduta tas-27 ta' April 2012, il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja, korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi t-talba attriċi fir-rigward hija evidentement ġustifikata billi kif hija dejjem kitbet isimha "**Erika**" u mhux "**Erica**". Pero' jidher ċar li l-konvenut ma jaħtix għall-iżball (jekk wieħed jista' jssejjaħlu hekk) u għalhekk m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti.**

**L-ispejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-attriċi stess.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------